MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 1180/1998/1

**Carmen Vassallo, Polly Holding, Maryanne Johnstone, Emily Caruana, Rita Cassar, Bernardette Portelli, Nathalie Zahra, u l-Avukat Christopher Vella u l-P.L. Nicholette Aquilina b'digriet tal-10 ta' Gunju 1998 nominati kuraturi biex jirrapprezentaw lill-imsefrin Joseph Vassallo, Agatha Crittenden, Mario Vassallo, Neil Harvey, Hazel Buckley u Desmond Harvey; u b'nota tad-9 ta' Novembru 1998 Carmen Vassallo dahlet bhala kuratrici biex tidher ghall-imsemmija Joseph Vassallo, Agatha Crittenden, Mario Vassallo, Neil Harvey, Hazel Buckley u Desmond Harvey**

**v.**

**Louis Muscat; u b'digriet tal-11 ta' Frar 2000 giet imsejha fil-kawza s-socjetà *NIB Company Limited***

**Il-Qorti:**

Rat l-att ta' citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-atturi, wara illi ppremettew illi huma proprjetarji ta' bicca art go Farsons Street, Hamrun, markata bl-ahmar fuq il-pjanta annessa Dok "A"; illi l-konvenut qieghed jibni u bil-bini li qed jaghmel hu qieghed jokkupa din l-art, billi l-istess bini qieghed jigi estiz ghal fuq dik l-art; talbu ghaliex dik il-Qorti ma ghandhiex: (1) tiddikjara li l-atturi huma proprjetarji ta' l-imsemmija art markata bl-ahmar fuq il-pjanta Dok A; (2) tikkundanna lill-konvenut li jizgombra minn dik l-art fi zmien qasir u perentorju li tiffissa dik il-Qorti; (3) tordna lill-konvenut li fi zmien qasir u perentorju jwaqqa' l-kostruzzjoni li saret fuq l-imsemmija art, u fin-nuqqas l-atturi jkunu awtorizzati li jwaqqghu huma dik il-kostruzzjoni taht id-direzzjoni ta' perit li jigi nominat u a spejjez tal-konvenut; b'riserva ghal kull azzjoni ohra inkluza dik ghad-danni, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1775/97, kontra l-konvenut, li ghandu jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi, guramentata minn Carmen Vassallo, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok l-gudizzju mhux integru ghax assenti mart il-konvenut;

Illi fit-tieni lok huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi mhux il-legittimu kontradittur u dan billi l-art tappartjeni lis-socjetà *NIB Company Limited* mil-liema socjeta` sar ix-xoghol in kwistjoni;

Illi fit-tielet lok l-atturi qabel xejn iridu jipprovaw it-titolu taghhom;

Illi fir-raba' lok s-socjetà *NIB Company Limited* bniet biss fuq art li hija proprjeta` taghha u mhux minnu li invadiet l-art tal-atturi;

Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xiehda relativa;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-hdax (11) ta' Frar 2000 (fol. 27) illi fih, fost affarijiet ohra, jinghad hekk:
"Profs. Refalo jiddikjara li mhux qed jopponi ghat-talba maghmula fl-4 ta' Jannar, 2000, ghas-sejha fil-kawza ta' *NIB Company Limited*. Il-Qorti ghalhekk tilqa' t-talba u tordna s-sejha fil-kawza ta' *NIB Company Limited*. Louis Muscat, rapprezentant ta' *NIB Company Limited* jilqa' n-notifika issa stess u jitlob li l-eccezzjonijiet moghtija minnu *proprio* fit-3 ta' Novembru, 1998, fol. 18, jitqiesu maghmula f'isem din is-socjetà ukoll hlief ghat-tieni eccezzjoni."

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-hdax (11) ta' Frar, 2003 illi permezz taghha l-Qorti, wara illi illiberat lill-konvenut Louis Muscat mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet it-talbiet ta' l-atturi kontra s-socjetà msejha fil-kawza u ordnat illi l-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-atturi, u dana wara illi ikkunsidrat hekk:
"Din il-kawza hija dwar bicca art bi tlitt ignub, wiehed minnhom fuq Triq Farsons, il-Hamrun. Parti minn din l-art ghadha mhix mibnija, u l-konvenuti [*recte*: l-atturi] ma ghandhom ebda pretensjoni fuq din il-bicca. L-atturi, qeghdin ighidu, izda, illi tela' bini illi dahal fuq bicca ohra mill-art li huma jghidu li hi taghhom.

"Dan il-bini sar fuq art illi s-socjetà msejha fil-kawza tghid li hi taghha; il-konvenut *proprio* ma ghandu ebda parti

minn din l-art f'idejh, u ma ghandu ebda pretensjoni fuq xi parti minnha. Il-kawza ghalhekk saret hazin kontra l-konvenut *proprio* u dan ghandu jinheles mill-harsien tal-gudizzju.

"Waqt li kienet miexja l-kawza, is-socjetà msejha fil-kawza bieghet lil terzi, b'kuntratt tad-19 ta' Mejju 2000, l-art meritu tal-kawza. Dan il-bejgh, izda, ma johloq ebda ostakolu li jista' jzomm milli l-kawza tkompli miexja kontra s-socjetà msejha fil-kawza, ghax l-atturi ghandhom l-ghazla li jmexxu kontra t-terz akkwirent jew kontra l-pussessur *qui dolo desiit possidere*.

"Ladarba din hija azzjoni revindikatorja, huwa fuq l-atturi l-oneru li juru illi l-art li hija f'idejn is-socjetà msejha fil-kawza jew is-successuri taghha hija tassew taghhom. Din il-prova l-atturi fittxew li jaghmluha b'relazzjoni ta' l-A.I.C. Frederick Doublet, xhud imressaq minnhom *ex parte*.

"Il-perit fisser li biex wasal ghall-konkluzjoni tieghu mexa fuq il-kejlijiet u l-pjanta ta' bicca art illi l-awtur ta' l-atturi kien bigh lil Oreste Kirkop b'kuntratt tas-7 t'Ottubru 1958 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela; kejjel ukoll il-faccati tal-bini sal-kantuniera tat-triq, u minn dan seta' wasal ghall-konkluzjoni illi l-atturi fadlilhom art ta' kejl anqas minn kemm kellha tkun skond it-titolu ta' l-akkwist ta' l-awtur taghhom, li kien xtara minghand is-*Societas Doctrinæ* b'kuntratt tal-20 ta' Gunju 1953 fl-atti tan-Nutar John Spiteri Maempel.

"Bejn l-art mibjugha lil Kirkop u l-art li fadal ta' l-atturi, izda, hemm bicca art ohra li kienet inbieghet mill-awtur ta' l-atturi lil Antonio Attard b'kuntratt tad-9 t'April1960 fl-atti tan-Nutar Salvatore Abela, li wara kien korrett b'kuntratt iehor tat-12 ta' Novembru 1963 fl-atti ta' l-istess nutar. Din il-bicca art, skond il-kuntratt, kellha tkun tal-kejl ta' tlieta punt decimali erbgha qasab kwadri (3.4 $q^2$), izda, kif jidher mill-pjanta mhejjija mill-perit stess, fil-fatt ghandha kejl ta' erbgha punt decimali sitta qasab kwadri (4.6 $q^2$). Id-differenza hija aktar mill-kejl ta' l-art li l-atturi jghidu li ttehditilhom mis-socjetà msejha fil-kawza.

“Ghal din ir-raguni il-qorti ma hix konvinta illi l-art li ghandhom nieqsa l-atturi haditha s-socjetà msejha fil-kawza, ghax jista’ jkun li l-art hadhielhom Attard.

“Il-qorti ghalhkk ma hix tal-fehma illi lill-atturi sehhilhom illi jgibu l-
prova mehtiega biex jirbhu din il-kawza, u ma tistax tilqa’ t-talba taghhom.”

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-atturi illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi dina l-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza hawn fuq imsemmija tal-hdax (11) ta’ Frar, 2003 u minflok tilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-konvenut u tas-socjetà kjamata fil-kawza, ipprezentata fis-sebgha (7) ta’ Marzu, 2003, illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettew illi s-sentenza appellata ghandha tigi ikkonfermata;

Rat ir-risposta ta’ l-appell tal-konvenut u tas-socjetà kjamata fil-kawza, ipprezentata fil-wiehed u ghoxrin (21) ta’ Jannar, 2005, illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi l-appell interpost jigi michud u illi s-sentenza appellata tigi konfermata, bl-ispejjz kontra l-appellant (*sic*);

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jinghad, qabel xejn, illi, ghalkemm permezz ta’ digriet ta’ l-ewwel Qorti moghti waqt l-udjenza tal-hdax (11) ta’ Frar, 2000 (fol. 28) giet ordnata l-allegazzjoni ta’ dak illi fil-verbal ta’ l-istess udjenza jissejjah “Mandat ta’ Inibizzjoni 1775/97” (u hekk indikat ukoll fl-att ta’ citazzjoni), jirrizulta illi fost l-atti processwali ma hemmx dawk tal-mandat numru 1775/97. Ghalhekk, dina l-Qorti,

*tramite* l-ufficjali taghha, ghamlet il-verifiki mehtiega u, minn dawn il-verifiki, ikkonstatat illi l-mandat numru 1775/97 ma huwiex wiehed ta’ inibizzjoni izda huwa kontromandat u illi l-partijiet fih (Lombard Bank (Malta) Limited u HELU Measuring Instruments Limited) apparentement huma ghal kollox aljeni ghall-kontendenti fil-kawza odjerna. Ghall-kompletezza tajjeb illi jinghad illi dak illi irrizulta f’dan ir-rigward lil dina l-Qorti wisq probabbli kien a konoxxenza ta’ l-ewwel Qorti. Dan qed jinghad ghaliex, mehmuza permezz ta’ *staple* fuq gewwa tal-qoxra ta’ wara ta’ l-inkartament kif kien sakemm giet pronunzjata s-sentenza appellata hemm karta illi fuqha hemm miktub hekk:

M/Inib 1775/97
*from* Arkivju
______________
Dan in-numru
ta’ kontro-mandat
u l-ismijiet ma
jaqblux.

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji - jew, ahjar, aggravju wiehed illi jikkomprendi tliet (3) asserzjonijiet - ta’ l-atturi kontra s-sentenza appellata gew espressi bil-mod segwenti fir-rikors ta’ appell (fol. 182):
“L-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti u jikkonsistu principalment li waqt li l-ewwel Qorti accettat it-tezi tal-atturi li l-art in kwistjoni hija proprjetà taghhom, irriferiet ghal kuntratt li hu irrilevanti ghall-kawza, u ikkonkludiet li ma hemmx provi kontra s-socjetà konvenuta”;

Ikkunsidrat:

Illi dina l-Qorti ma tistax ma timmeraviljax ruhha bl-ewwel (1) asserzjoni ta’ l-atturi hawn fuq riprodotta, dik illi “l-ewwel Qorti accettat it-tezi tal-atturi li l-art in kwistjoni hija proprjetà taghhom”. Dana ghaliex ic-cahda tat-talbiet attrici fis-sentenza appellata hija kollha kemm hi bbazata fuq il-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti illi l-atturi ma

irnexxilhomx jippruvaw illi l-art illi qeghdin jittentaw jirrivendikaw permezz tal-kawza odjerna hija taghhom. Dan jemergi mis-segwenti siltiet mis-sentenza (fol. 178-179):
"Dan il-bini [illi l-atturi jallegaw illi sar fuq art taghhom] sar fuq art illi s-socjetà msejha fil-kawza tghid li hi taghha;"

"Ladarba din hija azzjoni revindikatorja, huwa fuq l-atturi l-oneru li juru illi l-art in kwistjoni li hija f'idejn is-socjetà msejha fil-kawza jew is-successuri taghha hija tassew taghhom."

"… il-qorti ma hix konvinta illi l-art li ghandhom nieqsa l-atturi haditha s-socjetà msejha fil-kawza …" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Dina l-Qorti trid taghmilha cara illi, wara illi ezaminat il-provi kollha prodotti, taqbel ma' l-imsemmija konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti illi l-atturi ma irnexxilhomx jippruvaw illi l-art in kontestazzjoni hija taghhom;

Huwa kwazi superfluwu illi jinghad illi l-ewwel Qorti kienet legalment korretta meta affermat illi: "Ladarba din hija azzjoni revindikatorja, huwa fuq l-atturi l-oneru li juru illi l-art in kwistjoni … hija taghhom";

Ghalhekk, huwa kwazi superfluwu ukoll illi jinghad illi, ladarba l-asserzjoni in ezami ta' l-atturi ma hijiex fondata, ma hemmx lok illi jigu konsidrati z-zewg (2) asserzjonijiet l-ohra taghhom hawn fuq riprodotti;

Ghal dawn il-motivi:

Tipprovdi dwar l-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati mill-atturi appellanti b'dan pero` illi, peress li dak sottomess fir-risposta tal-konvenut u tas-socjetà kjamata fil-kawza ipprezentata fil-21 ta' Jannar, 2005 seta' facilment u liberament jigi sottomess fl-ewwel (1) risposta ta' l-istess konvenut u socjetà kjamata fil-kawza, l-ispejjes konnessi

ma’ l-imsemmija risposta tal-21 ta’ Jannar, 2005 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut u mis-socjetà kjamata fil-kawza solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------